# Il-Konsegwenzi Qerrieda ta' Gwerra Nukleari

## u l-Ħtieġa Immedjata għall-Ġustizzja Sħiħa



Mirża Masroor Aħmad

# Il-Konsegwenzi Qerrieda ta’ Gwerra Nukleari

### u l-Ħtieġa Immedjata għal Ġustizzja Sħiħa

**Ħażrat Mirża Masroor Aħmad**[aba]
*Il-Mexxej tal-Komunità Aħmadija Musulmana*

**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**

# The Devastating Consequences of a Nuclear War and the Critical Need for Absolute Justice

**(In Maltese Language)**

## Il-Konsegwenzi Qerrieda ta' Gwerra Nukleari u l-Ħtieġa Immedjata għal Ġustizzja Sħiħa

Diskors ta'
Ħażrat Mirża Masroor Aħmad[aba]
Il-Mexxej tal-Komunità Aħmadija Musulmana

© Islam International Publications Ltd.

Tradott għall-Malti u ppubblikat f'Malta (2013)

Traduzzjoni u Editjar Minn
Karl Coleiro u Laiq Ahmed Atif

Pubblikazzjoni ta'

**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**

**Mob:** +356-79320139 - **Tel:** +356-27342401
**Tel:** +356-21322105 - **Fax:** +356-27322105
**E:** amjmalta@gmail.com

**www.ahmadija.org.mt**
**www.ahmadiyyamalta.org**

*Stampa meħuda: © shutterstock.com*

# Daħla

# Il-Paċi Internazzjonali

*Fl-24 ta' Marzu, tal-2012, ġiet organizzata d-9 Konferenza Annwali għall-Paċi fil-Moskea Baitul Futuh ġewwa Morden – l-akbar Moskea fl-Ewropa tal-Punent – mill-Komunità Aħmadija Musulmana [Ahmadiyya Muslim Jamaat] ġewwa r-Renju Unit. L-avveniment attira udjenza ta' aktar minn 1000 ruħ, fosthom ministri tal-gvern, ambaxxaturi, membri kemm tal-House of Commons kif ukoll tal-House of Lords, is-Sindku ta' Londra, għadd ta' dinjitarji oħra, professjonisti, ħbieb, u mistednin oħra minn kull qasam tal-ħajja. It-tema tal-Konferenza ta' dik is-sena kienet **'Il-Paċi Internazzjonali'.***

*Ħażrat Mirża Masroor Aħmad[aba], il-Mexxej tal-Komunità Aħmadija tkellem fuq suġġett ferm importanti. Taħt nippreżentaw id-diskors prinċipali tiegħu.*

# Il-Konsegwenzi Qerrieda ta’ Gwerra Nukleari u l-Ħtieġa Immedjata għal Ġustizzja Sħiħa

Fid-dinja tal-lum, sura tal-biża’ li tista’ tieħu din id-Deċiżjoni ta’ Alla hija gwerra dinjija oħra.

L-armamenti li hawn illum tant huma qerrieda li jistgħu jwasslu għal ġenerazzjoni wara oħra ta’ tfal li jitwieldu b’difetti serji kemm ġenetiċi kif ukoll fiżiċi.

Il-Ġappun huwa l-uniku pajjiż li ġarrab il-konsegwenzi orribbli tal-armamenti atomiċi, meta safa attakkat bil-bombi nukleari matul it-Tieni Gwerra Dinjija.

Jingħad li fil-Ġappun, minkejja li għaddew mas-sebgħin sena, l-effetti tal-bombi atomiċi għadhom jidhru fit-trabi tat-twelid.

Dak li joħloq biża’ enormi huwa l-għarfien li dawn l-armamenti nukleari jistgħu jispiċċaw f’idejn nies li la għandhom il-kapaċità jew li jagħżlu li ma jaħsbux dwar il-konsegwenzi tal-azzjonijiet tagħhom.

Iż-żmien qed jagħfas, u qabel ma jkun tard wisq aħna kollha rridu nagħtu kas u attenzjoni partikolari lill-bżonnijiet ta’ dak il-ħin.

بسم الله الرحمن الرحيم

**F’Isem Alla, mimli bil-Grazzja u l-Ħniena**

Mistednin kollha tagħna – *Assalamo ‘Alaikum Wa Rahmatullahe Wa Barakatohu* – jalla l-Paċi u l-Barkiet ta’ Alla jkunu kollha fuqkom.

Illum, wara li għaddiet sena oħra, reġa’ għandi l-opportunità biex nagħti merħba lill-mistednin distinti kollha tagħna f’din l-okkażjoni partikolari. Inħossni grat immens li intom kollha sibtu l-ħin biex tiġu u tkunu preżenti għal din il-konferenza.

Tassew, ħafna minnkom huma familjari sew ma’ dan l-avveniment li issa sar magħruf bħala ‘Il-Konferenza għall-Paċi’. Dan l-avveniment huwa organizzat kull sena mill-Komunità Aħmadija Musulmana u huwa sforz wieħed biss mill-għadd li nagħmlu biex nippruvaw inwettqu x-xewqa tagħna li naraw li l-paċi tkun stabbilita sew fid-dinja kollha.

Illum fl-udjenza għandna xi ħbieb ġodda, li qed jattendu din il-funzjoni għall-ewwel darba, u għandna wkoll oħrajn li huma ħbieb antiki li ilhom jissapportjaw il-kawża tagħna għal ħafna snin. Dan ma jagħmlilniex differenza, għax kollha kemm intom tifhmu u tħossu x-xewqa tagħna li naraw il-paċi mxerrda mad-dinja kollha, u fil-fatt hija din ix-xewqa li ġiegħlet lil kulħadd jattendi llum għal din il-konferenza.

Kollha kemm intom qegħdin hawn illum għaliex tixtiequ bis-sinċerità kollha li d-dinja timtela bl-imħabba, bl-għożża, u bil-ħbiberija. Hija din l-attitudni u dawn il-valuri li l-maġġoranza l-kbira tad-dinja tixtieq u li għandha bżonn. Fl-ambitu ta’ dan kollu, dawn huma r-raġunijiet

għala intom kollha li ġejjin minn ambjenti, pajjiżi, u reliġjonijiet differenti, tinsabu bilqiegħda quddiemi llum.

Bħalma għedt diġà, aħna norganizzaw din il-konferenza kull sena, u f'kull okkażjoni l-istess ħsieb u tama huma mfissra minna lkoll, li l-paċi fid-dinja tiġi stabbilita quddiem għajnejna stess; u għalhekk kull sena jiena nitlob ukoll mingħandkom li tippruvaw tippromwovu l-paċi kull fejn tiġikom l-okkażjoni u ma' kull min tiltaqgħu. Barra minn hekk, jiena nitlob ukoll lil dawk li għandhom konnessjoni mal-partiti politiċi jew mal-gvernijiet li huma għandhom iwasslu wkoll dan il-messaġġ tal-paċi fl-isferi tal-influwenza tagħhom. Huwa essenzjali li kulħadd għandu jkun konxju li biex tiġi stabbilita l-paċi fid-dinja, hemm bżonn dejjem akbar, ħafna aktar minn qabel, ta' valuri morali għoljin ibbażati fuq prinċipji sodi.

Kull fejn u kull meta nqalgħet l-okkażjoni, il-Komunità Aħmadija dejjem esprimiet u ddikjarat il-fehma tagħha li hemm mod wieħed biss li jista' jsalva lid-dinja mill-qerda u l-ħerba li riesqa lejhom, u dan huwa li lkoll kemm aħna rridu nistinkaw biex inxerrdu l-imħabba, l-affezzjoni, u s-sens ta' komunità. Aktar importanti minn hekk, id-dinja għandha bżonn tagħraf il-Ħallieq tagħha, li huwa Alla l-Waħdieni. Huwa dan l-għarfien tal-Ħallieq li jwassalna għall-imħabba u l-mogħdrija lejn il-Ħolqien Tiegħu, u meta dan isir parti mill-karattru tagħna, inkunu wasalna fi stat fejn inkunu nistgħu nirċievu l-Imħabba Tiegħu.

Kif diġà għedt, kollha kemm intom tħaddnu wkoll dawn ix-xewqat nobbli. Aktar minn hekk, jiena kemm-il darba ħeġġiġt lill-politikanti u lill-mexxejja reliġjużi biex jaħdmu għall-paċi. Madanakollu, minkejja dawn l-isforzi kollha, insibu li l-ansjetà u l-inkwiet xorta jibqgħu jixterdu u jiżdiedu madwar id-dinja kollha. Fil-fatt id-dinja tal-lum hija miżgħuda konflitti, nuqqas ta' armonija, u diżordni. F'xi pajjiżi ċ-ċittadini stess qed jiġġieldu u joħolqu l-gwerer bejniethom. F'pajjiżi oħra l-poplu qed jissielet kontra l-gvern, jew għall-kuntrarju, il-mexxejja qed jeħduha kontra n-nies tagħhom stess. Gruppi terroristiċi qed joħolqu l-anarkija u d-diżordni biex jissodisfaw l-interessi egoistiċi tagħhom, u għal dan il-għan waslu biex joqtlu bl-addoċċ nisa, tfal u xjuħ innoċenti. F'pajjiżi oħra, bħala mezz

biex jissodisfaw l-interessi tagħhom, il-partiti politiċi qed jiġġieldu bejniethom minflok ma jingħaqdu flimkien għall-ġid tan-nazzjon tagħhom stess. Qed naraw ukoll li ċerti gvernijiet u pajjiżi qed jitfgħu ħarsithom b'mod egoistiku fuq ir-riżorsi ta' nazzjonijiet oħra. Il-qawwiet il-kbar tad-dinja, min-naħa l-oħra, qed jaħlu l-enerġiji tagħhom fl-isforzi biex iżommu din is-supremazija, u ma joqogħdu jqisu xejn biex jibqgħu jilħqu dan il-għan.

Filwaqt li nżommu dan kollu f'moħħna, insibu li la l-Komunità Aħmadija u lanqas il-maġġoranza fostkom, li intom membri tal-pubbliku, m'għandna l-poter jew l-awtorità li nfasslu strateġiji li bis-saħħa tagħhom noħolqu bidla pożittiva.

Dan għaliex aħna ma nokkupaw l-ebda kariga jew uffiċċju governattiv. Fil-fatt, nista' nkompli nżid li saħansitra l-politikanti, li magħhom irnexxielna nibnu relazzjonijiet tajbin, u li dejjem jaqblu magħna għall-inqas meta jkunu fil-kumpanija tagħna, ma jistgħu jsemmgħu leħinhom. Dan għaliex leħinhom qed ikun dejjem iżjed fgat u mhumiex qed jitħallew jesprimu l-opinjonijiet tagħhom. Dan qed iseħħ jew għaliex iridu bilfors isegwu l-ideoloġiji tal-partit jew inkella minħabba pressjonijiet esterni minn qawwiet dinjin oħra jew alleati politiċi li qed jgħakksuhom aktar 'l isfel.

Madanakollu, aħna, li nieħdu sehem f'din il-Konferenza għall-Paċi kull sena, bla dubju ta' xejn għandna x-xewqa li l-paċi tkun stabbilita kullimkien u għalhekk nesprimu l-opinjonijiet u s-sentimenti tagħna speċjalment li l-imħabba, il-mogħdrija, u l-fraternità għandhom jiġu stabbiliti fost ir-reliġjonijiet kollha, in-nazzjonalitajiet kollha, ir-razez kollha, u ċertament, qalb il-popli kollha. Sfortunatament m'għandniex il-poter biex nattwalizzaw din il-viżjoni. M'għandniex l-awtorità u lanqas il-mezzi biex niksbu r-riżultati li tant nixtiequ.

Niftakar li ftit tas-snin ilu, f'din l-istess sala waqt il-Konferenza għall-Paċi, jien ippreżentajt l-indirizz tiegħi fejn fissirt il-mogħdijiet kollha ta' kif għandha tiġi stabbilita l-paċi fid-dinja kollha, u tkellimt ukoll dwar kif għandha tiffunzjona l-Ġnus Magħquda. Wara, il-ħabib għażiż tagħna, Lord Eric Avebury, kien stqarr li d-diskors kellu jiġi ppreżentat fil-Ġnus Magħquda stess. Bla dubju ta' xejn il-fatt li kien tant ġeneruż

u sinċier fi kliemu jixhed il-karattru nobbli tiegħu. Madanakollu, li nixtieq ngħid huwa li mhuwiex biżżejjed li tippreżenta jew tisma' diskors jew lekċer għax b'hekk biss il-paċi mhijiex se tixtered. Fil-fatt il-kondizzjoni meħtieġa biex jintlaħaq dan l-għan fundamentali hija l-ġustizzja sħiħa u l-ħaqq fiċ-ċirkostanzi kollha. Il-Koran Imqaddes, f'Kapitlu 4, Vers 136, jagħtina prinċipju li jiswa mitqlu deheb u lezzjoni li tiggwidana f'dan. Din tgħid li biex nilħqu livell għoli ta' ġustizzja, jekk jinqala' l-każ li jkollna nixhdu kontra tagħna nfusna, kontra l-ġenituri, kontra l-egħżeż qraba u ħbieb, mela dan irridu nwettquh. Din hi l-vera ġustizzja fejn l-interessi personali jiġu mwarrba fil-ġenb għall-ġid komuni.

Jekk naħsbu dwar dan il-prinċipju fuq livell kollettiv, għandna nintebħu li manuvri inġusti msejsa fuq il-flus u l-poter għandhom jiġu skartati. Minflok, ir-rappreżentanti u l-ambaxxaturi ta' kull nazzjon għandhom jaġixxu b'sinċerità u b'determinazzjoni li jissapportjaw il-prinċipji tal-ġustizzja u tal-ugwaljanza. Irridu neqirdu kull xorta ta' preġudizzju u diskriminazzjoni għaliex dan huwa l-uniku mezz biex nistabbilixxu l-paċi. Jekk nagħtu ħarsa lejn l-Assemblea Ġenerali jew il-Kunsill tas-Sigurtà tal-Ġnus Magħquda, insibu li ħafna drabi d-dikjarazzjonijiet jew id-diskorsi li jsiru hemmhekk ikunu apprezzati u rikonoxxuti ferm, iżda dawn il-kontributi ma jkunu jiswew xejn għaliex id-deċiżjonijiet importanti jkunu diġà ttieħdu.

Għaldaqstant, meta jittieħdu deċiżjonijiet li jkollhom il-pressjoni jew il-manuvri minn taħt tal-qawwiet il-kbar, għall-kuntrarju li jittieħdu b'mezzi ġusti u verament demokratiċi, mela dawn id-diskorsi jsiru fiergħa u bla sens, u jservu biss bħala pretensjoni biex inqarrqu bid-dinja ta' hemm barra. Madanakollu, dan ma jfissirx li għandna sempliċement niffrustraw lilna nfusna, naqtgħu qalbna, u nabbandunaw l-isforzi kollha tagħna. Minflok, għandu jkun l-objettiv tagħna li, waqt li nibqgħu leali lejn il-liġijiet tal-pajjiż, nibqgħu nfakkru lill-gvernijiet dwar il-ħtiġijiet tal-ġurnata. Għandna wkoll nibqgħu nagħtu pariri siewja lil dawk il-gruppi li għandhom interessi partikolari ħalli, fuq livell globali, il-ġustizzja tibqa' tixtered. Hekk biss ikollna ċ-ċans naraw id-dinja ssir ġenna ta' paċi u armonija kif kollha kemm aħna rriduha u nixtiquha.

Għalhekk, aħna ma nistgħux u ma rridux inwaqqfu t-tentattivi tagħna. Jekk nieqfu nsemmgħu leħinna kontra l-krudeltà u l-inġustizzja, mela nsiru ħaġa waħda ma' dawk kollha li m'għandhom l-ebda valuri jew prinċipji morali. Jekk leħinna ma jibqax jinstema' jew ikollu xi influwenza ma jkollux relevanza. Aħna rridu nibqgħu nħeġġu lil kulħadd biex jaħdem favur il-paċi. Jien dejjem inkun sodisfatt ħafna meta nara li, minkejja d-differenzi fit-twemmin u fin-nazzjonalità, għall-bżonn li nibqgħu nivvalutaw il-valuri umani, tant nies jattendu għal dan l-avveniment biex jisimgħu, jitgħallmu u jitkellmu dwar metodi differenti ta' kif se jiġu mxerrda l-paċi u l-mogħdrija fid-dinja. Għalhekk jiena nitlobkom biex taħdmu għall-paċi bl-abbiltajiet kollha tagħkom ħalli nżommu l-fjamma żgħira tat-tama mixgħula, sakemm jasal iż-żmien meta l-paċi vera u l-ġustizzja jkunu stabbiliti fiż-żoni kollha tad-dinja.

Irridu niftakru li meta t-tentattivi umani jfallu, Alla l-Omnipotenti joħroġ l-Ordni Tiegħu biex jiddetermina d-destin tal-bniedem. Qabel is-Sentenza ta' Alla ma tibda titħaddem u tipprova tressaq lin-nies Lejh u tipprova twettaq id-drittijiet tal-bniedem, ikun ħafna aħjar li kieku n-nies tad-dinja jagħtu kas dawn il-ħwejjeġ kruċjali, għaliex meta Alla l-Omnipotenti jkollu jieħu l-affarijiet taħt Idejh, imbagħad ir-Rabja Tiegħu taħkem lill-umanità b'mod aħrax u tal-biża'.

Fid-dinja tal-lum, sura tal-biża' li tista' tieħu din id-Deċiżjoni ta' Alla hija gwerra dinjija oħra. M'hemm l-ebda dubju li l-effetti ta' gwerra bħal din, bid-distruzzjoni kollha li ġġib magħha, ma jkunux limitati għall-gwerra nnifisha jew għal din il-ġenerazzjoni biss. Fil-fatt huwa fiż-żgur li l-konsegwenzi koroh tagħha jibqgħu jimmanifestaw ruħhom f'bosta ġenerazzjonijiet futuri. Konsegwenza traġika ewlenija ta' gwerra bħal din tkun l-effett li din tħalli fuq it-trabi tat-twelid, kemm ta' issa kif ukoll tal-ġejjieni. L-armamenti li hawn illum tant huma qerrieda li jistgħu jwasslu għal ġenerazzjoni wara oħra ta' tfal li jitwieldu b'difetti serji kemm ġenetiċi kif ukoll fiżiċi.

Il-Ġappun huwa l-uniku pajjiż li ġarrab il-konsegwenzi orribbli tal-armamenti atomiċi, meta safa attakkat bil-bombi nukleari matul it-Tieni Gwerra Dinjija. Anki llum jekk intom iżżuru l-Ġappun u tiltaqgħu man-nies tal-lokal, tintebħu mill-ħarsa ta' għajnejhom

u minn kliemhom kemm għandhom biża' kbir u mibegħda lejn il-gwerra. Madanakollu l-bombi nukleari li kienu ntużaw dak iż-żmien u li kkawżaw tħarbit ma' kullimkien huma inqas effettivi mill-armamenti atomiċi li jħaddnu llum saħansitra l-pajjiżi ż-żgħar.

Jingħad li fil-Ġappun, minkejja li għaddew mas-sebgħin sena, l-effetti tal-bombi atomiċi għadhom jidhru fit-trabi tat-twelid. Jekk xi ħadd jintlaqat minn tir, illum hemm il-possibiltà li dan isalva bis-saħħa tal-kura medika li tingħatalu, iżda jekk tfaqqa' gwerra nukleari, dawk kollha li jkunu fil-front tal-battalja ma jkollhom l-ebda ċans isalvaw. Minflok insibu li n-nies imutu mill-ewwel, jiffriżaw qishom statwi u l-ġilda tagħhom iddub fix-xejn. L-ilma tax-xorb, l-ikel, u l-veġetazzjoni jiġu kollha kkontaminati u affettwati mir-radjazzjoni. Lanqas biss nistgħu nimmaġinaw kemm tista' toħloq xorta ta' mard din il-kontaminazzjoni kollha. F'dawk il-postijiet li ma jkunux direttament milquta u fejn ikun hemm inqas effetti tar-radjazzjoni, ir-riskju ta' aktar mard u infezzjonijiet se jiżdied żgur u l-ġenerazzjonijiet futuri xorta se jkollhom iħabbtu wiċċhom ma' diffikultajiet akbar.

Għalhekk, kif diġà għedt, l-effetti orribbli u qerrieda ta' taqbid bħal dan ma jkunux limitati biss għall-gwerra u l-konsegwenzi immedjati tagħha, iżda dawn jibqgħu jingħaddu minn ġenerazzjoni għall-oħra. Dawn huma l-vera konsegwenzi ta' ġlied bħal dan, u sadattant illum għandna nies egoistiċi u boloh li huma tant imkabbrin bl-invenzjoni tagħhom li jiddeskrivu dak li ħalqu bħala rigal għad-dinja.

Il-verità hija li l-hekk imsejħa benefiċċji tal-enerġija u tat-teknoloġija nukleari jistgħu jkunu ta' periklu enormi u jwasslu għal qerda kbira, jew minħabba traskuraġni jew inkella minħabba l-inċidenti li jistgħu jinqalgħu. Aħna diġà konna xhieda ta' diżastri bħal dawn, bħall-inċident nukleari li seħħ fl-1986 f'Chernobyl, f'dik li llum tissejjaħ l-Ukraina, u sewwasew is-sena l-oħra wara t-terremot u z-zunami fil-Ġappun, fejn il-pajjiż kellu jaffaċċja periklu kbir taħt biża' tremend. Meta jseħħu dawn id-diżastri, ikun diffiċli ħafna biex in-nies jerġgħu jibdew joqogħdu f'dawk ir-reġjuni li jkunu ntlaqtu. Minħabba l-esperjenzi uniċi u traġiċi li għaddew minnhom, il-Ġappuniżi saru kawti ħafna u fil-fatt is-sensazzjoni ta' biża' u terrur tagħhom hija kompletament ġustifikata.

Hija dikjarazzjoni ovvja dik li n-nies imutu fil-gwerer, u għalhekk meta l-Ġappun intervjena fit-Tieni Gwerra Dinjija, il-Gvern u l-pajjiż kollu kien jaf li xi persuni se jinqatlu żgur. Jingħad li madwar tliet miljun ruħ mietu fil-Ġappun u dan kien ifisser kważi 4% tal-popolazzjoni tal-pajjiż. Anki jekk għadd ta’ pajjiżi oħra sofrew proporzjonijiet ogħla ta’ mwiet f’termini ta’ numri totali, madanakollu l-mibegħda u l-istmerrija lejn il-gwerra li nsibu fil-poplu Ġappuniż huma ferm aktar intensi meta mqabbla ma’ ta’ pajjiżi oħra. Ir-raġuni sempliċi għal dan huwa bla dubju ta’ xejn iż-żewġ bombi nukleari li twaddbu fuq il-Ġappun fit-Tieni Gwerra Dinjija u li l-effetti tagħhom għadhom jinħassu u jsofruhom sal-ġurnata tal-lum. Il-Ġappun wera l-kobor u s-saħħa tiegħu billi rnexxielu jerġa’ jibni malajr il-bliet tiegħu u n-nies reġgħu bdew jgħammru fihom. Imma ejja nagħmluha ċara mill-ewwel li jekk l-armamenti nukleari kellhom jerġgħu jintużaw illum, mela huwa possibbli li partijiet minn ċerti pajjiżi jistgħu jisparixxu kompletament minn fuq il-mappa. Jistgħu jieqfu milli jeżistu.

Kalkoli moderati jistmaw li madwar 62 miljun ruħ inqatlu fit-Tieni Gwerra Dinjija u jingħad li madwar 40 miljun minn dawk li mietu kienu nies ċivili. B’hekk, fi kliem ieħor, jidher ċar li aktar nies ċivili mietu milli personell militari. Din il-qerda kollha seħħet minkejja l-fatt li, apparti fil-Ġappun, din il-gwerra kienet missielta kullimkien b’armamenti konvenzjonali.

Ir-Renju Unit tilef madwar nofs miljun ruħ. Tridu tiftakru li dak iż-żmien kienet għadha qawwa kolonjali u għalhekk il-kolonji tagħha ġġieldu f’isimha. Jekk ngħoddu t-telfiet tagħhom mela l-għadd ta’ mwiet jitla’ għal miljuni. Fl-Indja biss tilfu ħajjithom madwar 1.6 miljun ruħ.

Madanakollu, illum is-sitwazzjoni nbidlet, u dawk l-istess pajjiżi li kienu kolonji tar-Renju Unit u li ssieltu f’isem l-Imperu Britanniku, jistgħu jkunu l-istess pajjiżi llum li jiġġieldu kontra l-Gran Brittanja jekk tfaqqa’ l-gwerra. Aktar u aktar, bħalma għedt diġà, meta llum anki pajjiżi żgħar iħaddnu l-armamenti nukleari.

Dak li joħloq biża’ enormi huwa l-għarfien li dawn l-armamenti nukleari jistgħu jispiċċaw f’idejn nies li la għandhom il-kapaċità jew

li jagħżlu li ma jaħsbux dwar il-konsegwenzi tal-azzjonijiet tagħhom. Fil-verità dawn in-nies lanqas biss jimpurtahom mill-konsegwenzi għaliex ikun moħħhom li jisparaw u jattakkaw bl-addoċċ.

Għalhekk jekk il-qawwiet il-kbar ma jaġixxux b'mod ġust, jekk ma jeliminawx il-frustrazzjonijiet tal-pajjiżi ż-żgħar, u ma jadottawx strateġiji kbar u għaqlin, mela s-sitwazzjoni taħarbilna minn idejna u l-qerda li tista' tinħoloq tkun waħda li tisboq il-fehim u l-immaġinazzjoni tagħna. Anki l-maġġoranza tad-dinja li tixtieq li jkun hawn is-sliem tinħakem minn dan id-diżastru.

Għalhekk, hija x-xewqa u t-tama ħerqana tiegħi li l-mexxejja tan-nazzjonijiet il-kbar kollha jaslu biex jifhmu din ir-realtà terribbli, u għaldaqstant minflok ma jadottaw politika aggressiva u jutilizzaw il-forza biex jilħqu l-għanijiet u l-objettivi tagħhom, għandhom iħabirku biex jimplimentaw tattiċi li jippromwovu u jassiguraw is-sens ta' ġustizzja.

Ftit taż-żmien ilu kmandant militari Russu, imlaħħaq sew, għamel twissija serja dwar ir-riskju immedjat ta' gwerra nukleari. Huwa ddikjara li gwerra bħal din ma tiġix missielta fl-Ażja jew xi mkien ieħor, iżda sseħħ fuq il-fruntieri tal-Ewropa, u li t-theddida tista' toriġina u tfaqqa' mill-pajjiżi tal-Ewropa tal-Lvant. Għalkemm xi wħud jistgħu jgħidu li din kienet biss l-opinjoni personali tiegħu, jiena stess ma nemminx li l-fehmiet tiegħu ma jistgħux iseħħu fir-realtà, iżda aktar minn hekk, jiena konvint ukoll li jekk gwerra bħal din kellha tfaqqa', mela jkun hemm probabiltà kbira li anki l-pajjiżi Ażjatiċi jkunu involuti.

Aħbar oħra li dan l-aħħar ingħatat prominenza kbira fil-midja kienet dwar l-opinjonijiet li esprima wieħed mill-kapijiet tal-aġenzija sigrieta Iżraelita, il-Mossad, li rtira f'dawn l-aħħar ġranet. Tul intervista li għamel mal-istazzjon televiżiv popolari Amerikan, is-CBS, huwa stqarr li qed isir aktar evidenti li l-Gvern Iżraelit jixtieq jiddikjara gwerra kontra l-Iran. Huwa qal li jekk attakk bħal dan iseħħ ikun impossibbli biex wieħed ikun jaf eżattament fejn jew kif din il-gwerra se tintemm. Għaldaqstant huwa widdeb serjament biex attakk bħal dan ma jseħħ qatt.

F'dan il-każ hija l-fehma tiegħi li gwerra bħal din tispiċċa f'diżastru nukleari.

Dan l-aħħar rajt artiklu fejn l-awtur stqarr li s-sitwazzjoni fid-dinja llum tixbah is-sitwazzjoni li kien hemm fl-1932, kemm fl-aspetti ekonomiċi kif ukoll f'dawk politiċi. Huwa kiteb li f'ċerti pajjiżi n-nies m'għandhomx fiduċja la fil-politikanti tagħhom u lanqas fl-hekk imsejħa demokraziji li għandhom. Huwa qal ukoll li kien hemm ħafna aktar aspetti li jixxiebhu u paralleli li kienu qed jingħaqdu flimkien biex jiffurmaw l-istess immaġni llum eżattament bħal dik li kien hemm qabel it-tfaqqigħ tat-Tieni Gwerra Dinjija.

Xi wħud jistgħu ma jaqblux mal-analiżi tiegħu, iżda għall-kuntrarju, jien naqbel magħha u għalhekk nemmen li l-gvernijiet tad-dinja għandhom ikunu inkwetati ferm u mħassbin dwar l-istat li tinsab fih id-dinja llum. Bl-istess mod, il-mexxejja despotiċi ta' xi pajjiżi Musulmani, li l-uniku għan tagħhom huwa li jkomplu jiggranfaw mal-poter li għandhom b'kull mezz possibbli, għandhom jiġu f'sensihom. Inkella l-azzjonijiet u l-bluha tagħhom se jkunu r-raġuni għall-falliment totali tagħhom u b'hekk iwasslu lill-pajjiżi rispettivi tagħhom lejn destin tal-waħx.

Aħna, li niffurmaw parti mill-Komunità Aħmadija Musulmana, dejjem nagħmlu ħilitna biex insalvaw lid-dinja u lill-umanità mill-qerda totali. Dan għaliex f'din l-epoka lqajna lill-Imam taż-Żmien, li ntbagħat minn Alla bħala l-Messija Mwiegħed, u ġie bħala l-qaddej għall-Qaddis Profeta Muħammad[sa], li hu wkoll intbagħat bħala l-Ħniena għall-Umanità kollha.

Huwa minħabba l-fatt li aħna nsegwu t-tagħlim tal-Qaddis Profeta[sa] li aħna nħossu wġigħ kbir u diqa f'qalbna għall-istat li tinsab fih id-dinja. Huwa dan l-uġigħ li jkebbes l-isforzi tagħna biex nippruvaw insalvaw l-umanità mill-qerda u s-sofferenza. Għalhekk jiena u l-Musulmani Aħmadin kollha qed nistinkaw biex inwettqu r-responsabiltajiet tagħna ħalli nxerrdu l-paċi fid-dinja kollha.

Mezz wieħed li użajt biex nippromwovi s-sliem kien permezz ta'

sensiela ta' ittri li ktibt lil għadd ta' mexxejja dinjin. Xi ftit tax-xhur ilu, bgħatt ittra lill-Papa Benedittu XVI, li ngħatat lilu personalment minn rappreżentant tiegħi li hu wkoll Musulman Aħmadi. F'din l-ittra jien ħeġġiġtu li, bħala l-mexxej tal-akbar denominazzjoni reliġjuża, għandu jistinka kemm jiflaħ biex jistabbilixxi l-paċi.

Bl-istess mod, aktar riċenti, wara li nnutajt li l-animożità bejn l-Iran u l-Iżrael qed tiżdied b'rata allarmanti, ktibt ittra kemm lill-Prim Ministru tal-Iżrael, Benjamin Netanyahu, kif ukoll lill-President tal-Iran, Maħmud Aħmadinejad, fejn ħeġġiġthom biex iwarrbu kull forma ta' għaġla u traskuraġni meta jiġu biex jieħdu d-deċiżjonijiet, għall-ġid tal-umanità.

Ktibt ukoll riċentement lill-President Barack Obama u lill-Prim Ministru tal-Kanada, Stephen Harper, fejn ħeġġiġthom biex iwettqu r-rwoli u r-responsabiltajiet tagħhom lejn it-twaqqif tal-paċi u l-armonija fid-dinja.

Għandi l-ħsieb ukoll li fil-futur qarib nikteb biex inwiddeb lil Kapijiet tal-Istat u mexxejja oħra tad-dinja.

Jiena ma nafx kemm l-għadd ta' mexxejja li ktibtilhom se jagħtu widen lill-ittri li bgħattilhom, iżda tkun xi tkun ir-reazzjoni tagħhom, tentattiv ikun sar min-naħa tiegħi, bħala l-Kalif u l-mexxej spiritwali ta' miljuni ta' Musulmani Aħmadin imxerrdin mad-dinja kollha, biex inwassal il-fehmiet u s-sentimenti tagħhom dwar l-istat prekarju li tinsab fih id-dinja.

Ħa nagħmilha ċara li jien ma esprimejtx dawn is-sentimenti minħabba biża' personali, iżda għaliex jiena motivat minn imħabba sinċiera lejn l-umanità.

Din l-imħabba lejn l-umanità ġiet imnissla u mdakkra fil-Musulmani ġenwini kollha mit-tagħlim tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa] li, bħalma semmejt qabel, intbagħat bħala mezz ta' ħniena u mogħdrija lill-bnedmin kollha.

Probabbli din hija sorpriża kbira għalikom, jew inkella hija xokkanti li

tisimgħu li l-imħabba tagħna lejn l-umanità hija mnissla direttament mit-tagħlim tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa]. Il-mistoqsija għandha titnissel mal-ewwel f'moħħkom, mela għalfejn hawn gruppi terroristiċi Musulmani li qed joqtlu ħafna nies innoċenti, jew għaliex hawn gvernijiet Musulmani, li biex ikomplu jiggranfaw mas-siġġijiet tal-poter tagħhom, qed jordnaw il-qtil tal-massa ta' ċittadini ta' pajjiżhom stess?

Ħalli nagħmluha assolutament ċara li fil-verità, dawn l-atti barbari jmorru kompletament kontra t-tagħlim veru tal-Iżlam. Il-Koran Imqaddes ma jagħti l-ebda permess, taħt l-ebda ċirkostanza, għall-estremiżmu jew it-terroriżmu.

F'din l-epoka, skont it-twemmin tagħna, Alla l-Omnipotenti bagħat il-Fundatur tal-Komunità Aħmadija Musulmana, Ħażrat Mirża Gulam Aħmad[as] ta' Kadjan bħala l-Messija Mwiegħed u bħala l-Imam Maħdi, taħt is-sottomissjoni assoluta tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa].

Il-Messija Mwiegħed[as] intbagħat biex ixerred il-vera tagħlim ġenwin tal-Iżlam u tal-Koran Imqaddes. Intbagħat biex isaħħaħ l-għaqda bejn il-bniedem u Alla l-Omnipotenti. Intbagħat biex jidentifika u jagħraf id-drittijiet li bniedem għandu jagħti lil ħaddieħor. Intbagħat biex itemm kull forma ta' taqbid reliġjuż. Intbagħat biex jistabbilixxi r-rispett, id-dinjità u l-unur ta' kull Fundatur u kull Profeta ta' kull reliġjon li teżisti. Intbagħat biex jiġbed l-attenzjoni ħalli kulħadd jagħmel ħiltu biex jgħix skont l-ogħla livelli ta' valuri morali, u biex jistabbilixxi s-sliem, l-imħabba, il-mogħdrija u l-fraternità fil-pajjiżi kollha tad-dinja.

Jekk tmur kullimkien fid-dinja, issib li dawn il-kwalitajiet tajba jinsabu fil-Musulmani Aħmadin ġenwini kollha. Għalina la t-terroristi u lanqas l-estremisti mhuma ta' eżempju, la d-dittaturi krudili Musulmani mhuma ta' eżempju għalina, u lanqas il-qawwiet tal-Punent mhuma ta' eżempju għalina. L-eżempju li nsegwu huwa dak tal-Fundatur tal-Iżlam, il-Qaddis Profeta Muħammad[sa], u l-istruzzjonijiet li jiggwidawna huma dawk tal-Koran Imqaddes.

Għaldaqstant, minn din il-Konferenza dwar il-Paċi, jiena nibgħat

messaġġ lid-dinja kollha, li t-tagħlim tal-Iżlam huwa msejjes fuq l-imħabba, il-mogħdrija, il-ġenerożità, u s-sliem.

B’dispjaċir kbir insibu li grupp żgħir ta’ Musulmani qed jippreżentaw xbieha totalment mgħawġa tal-Iżlam u qed jaġixxu fuq dawn l-ideat żbaljati. Jiena ngħidilkom biex ma temmnux li dan huwa l-vera tagħlim tal-Iżlam, li tużaw dawn l-atti ħżiena bħala liċenzja biex tweġġgħu s-sentimenti tal-maġġoranza tal-Musulmani li jħobbu l-paċi jew li tużahom bħala mira tal-krudeltà tagħkom.

Il-Koran Imqaddes huwa l-aktar Ktieb qaddis u sagru għall-Musulmani kollha, u għalhekk meta jintuża lingwaġġ offensiv u oxxen jew meta jinħaraq, ikunu qed joffendu serjament is-sentimenti tal-Musulmani. Diġà rajna li meta jiġru dawn l-affarijiet, ħafna drabi dawn iwasslu għal reazzjoni żbaljata u esaġerata mill-Musulmani estremisti.

Fil-fatt ftit tal-ġranet ilu smajna b’żewġ inċidenti fl-Afganistan, fejn xi suldati Amerikani kasbru l-Koran Imqaddes, u mbagħad qatlu xi nisa u tfal innoċenti fi djarhom. Bl-istess mod persuna bla kuxjenza qatlet għalxejn b’xejn għadd ta’ suldati Franċiżi fin-Nofsinhar ta’ Franza, u mbagħad ftit ġranet wara din l-istess persuna daħlet ġo skola u qatlet tlett itfal innoċenti Lhud u waħda mill-għalliema tagħhom.

Aħna nħossu li din l-imġiba hija kompletament żbaljata u qatt ma tista’ twassal għall-paċi. Aħna naraw ukoll li dawn il-krudeltajiet iseħħu b’mod regolari fil-Pakistan u f’postijiet oħra, u għalhekk dawn l-azzjonijiet qed jagħtu opportunità lill-għedewwa tal-Iżlam biex joħorġu l-mibegħda tagħhom u jużawhom ukoll bħala skuża biex ikunu jistgħu jilħqu l-għanijiet tagħhom fuq skala kbira. Atti barbari bħal dawn fuq skala żgħira ma jseħħux minħabba ostilitajiet jew animożitajiet personali, iżda huma fil-fatt riżultat ta’ strateġiji inġusti mħaddma minn ċerti gvernijiet, kemm fuq livell nazzjonali kif ukoll internazzjonali.

Għaldaqstant, biex tiġi stabbilita l-paċi fid-dinja, huwa essenzjali li jintlaħqu standards għolja ta’ ġustizzja f’kull livell u f’kull pajjiż tad-dinja. Il-Koran Imqaddes jikkunsidra l-qtil ta’ persuna waħda innoċenti għalxejn b’xejn daqs il-qtil tal-bnedmin kollha.

Għalhekk, għal darba oħra, bħala Musulman, jiena se nagħmilha assolutament ċara li l-Iżlam ma jippermetti l-ebda moħqrija jew oppressjoni ta' kull tip, għamla jew forma. Din hija twissija ċarissima bla ebda eċċezzjoni. Anzi l-Koran ikompli jgħidilna li jekk xi pajjiż jew poplu juri ostilità lejk, mela dan m'għandux iwaqqfek milli taġixxi b'mod xieraq u ġust fil-konfront tagħhom. Mhuwiex sewwa li xi ostilitajiet jew animożitajiet iwassluk biex tivvendika ruħek jew taġixxi b'mod żbaljat. Twiddiba serja oħra li jagħmlilna l-Koran Imqaddes hija li m'għandniex ngħiru għal dawk in-nies li huma għonja jew li għandhom ħafna riżorsi.

Jiena semmejt dawn il-ftit punti, imma dawn huma l-aktar punti kruċjali għaliex permezz tagħhom jitwaqqfu s-sisien għall-paċi u l-ġustizzja fis-soċjetà u fid-dinja inġenerali. Jiena nitlob li d-dinja tirrikonoxxi dawn il-prinċipji importanti ħalli aħna nkunu nistgħu niġu salvati mill-qerda tad-dinja li qed iressquna lejha nies giddieba u bla kuxjenza.

Nixtieq nieħu l-opportunità biex niskuża ruħi talli ħadt daqshekk ħin, imma l-verità hija li s-suġġett dwar it-tixrid tal-paċi fid-dinja huwa tassew ta' importanza kbira.

Iż-żmien qed jagħfas, u qabel ma jkun tard wisq aħna kollha rridu nagħtu kas u attenzjoni partikolari lill-bżonnijiet ta' dak il-ħin.

Qabel ma ntemm dan id-diskors, nixtieq nitkellem dwar ħaġa oħra importanti. Kif kulħadd jaf, f'dawn il-ġranet qegħdin niċċelebraw il-Ġublew tad-Djamanti tal-Maestà Tagħha, ir-Reġina Elizabetta II. Jekk immorru lura fiż-żmien, eżattament 115-il sena, għall-1897, insibu li konna qed niċċelebraw il-Ġublew tad-Djamanti tar-Reġina Vittorja. F'dak iż-żmien, il-Fundatur tal-Komunità Aħmadija Musulmana kien bagħat messaġġ ta' kongratulazzjoni lir-Reġina Vittorja.

Fil-messaġġ tiegħu, huwa wassal kemm it-tagħlim tal-Iżlam kif ukoll bagħat messaġġ ta' talb għall-Gvern Britanniku u għall-ħajja twila tar-Reġina. Fil-messaġġ tiegħu, il-Messija Mwiegħed[as] kiteb li l-aqwa aspett fit-tmexxija tal-Gvern tar-Reġina kien li n-nies kollha ngħataw il-libertà fit-twemmin.

Fid-dinja tal-lum il-Gvern Britanniku m'għadux jaħkem is-Sottokontinent, iżda madanakollu l-prinċipji tal-libertà reliġjuża huma mħarsa sewwa fis-soċjetà Britannika u fil-liġijiet tagħha, fejn kull persuna hija garantita l-libertà reliġjuża.

Tassew, eżempju sabiħ ferm ta' din il-libertà hija ċ-ċelebrazzjoni tal-lejla fejn il-kredenti ta' diversi reliġjonijiet, u twemmin differenti, inġabru flimkien f'post wieħed b'xewqa waħda, dik li jaħdmu għall-paċi fid-dinja.

Għalhekk, waqt li nuża l-istess kliem u talb li uża l-Messija Mwiegħed[as], nieħu din l-opportunità biex inwassal il-kongratulazzjoni sinċiera tiegħi lir-Reġina Eliżabetta. Kif qal hu:

> 'Jalla x-xewqat sbieħ tagħna mimlija ferħ u gratitudni jitwasslu lir-Reġina ħanina tagħna. U jalla l-onorevoli Reġina tkun dejjem ferħana u kuntenta.'

Il-Messija Mwiegħed[as] offra aktar talb lir-Reġina Vittorja, u għalhekk għal darba oħra se nuża kliemu biex nitlob għar-Reġina:

> 'O Alla Qawwi u Nobbli! Bil-Grazzja u l-Benedizzjoni tiegħek, żomm ir-Reġina rispettata tagħna dejjem kuntenta bl-istess mod kif aħna qed ngħixu kuntenti taħt il-benevolenza u t-tjieba tagħha; u kun ħanin u ġentili magħha bl-istess mod kif aħna qed ngħixu fis-sliem u fir-riżq taħt il-ħakma ħanina u ġusta tagħha.'

Għaldaqstant, dawn huma sentimenti ta' gratitudni li jħoss kull Musulman Aħmadi li huwa ċittadin Britanniku.

Fl-aħħar nett, nixtieq għal darba oħra nuri l-gratitudni tiegħi lilkom kollha mill-qiegħ ta' qalbi, li bil-preżenza tagħkom hawnhekk qed turu l-imħabba, l-affezzjoni u l-fraternità tagħkom.

**Grazzi ħafna.**

# Il-Kalif: Bniedem ta' Paċi

Il-Qdusija Tiegħu, Mirża Masroor Aħmad, Kalifatul Masiħ V[aba], huwa l-Mexxej Suprem tal-Komunità Dinjija Aħmadija Musulmana *(Ahmadiyya Muslim Jamaat)*. Huwa l-Ħames suċċessur tal-Messija Mwiegħed u Riformatur, Ħażrat Mirża Gulam Aħmad[as] ta' Kadjan.

Il-Qdusija Tiegħu twieled fil-15 ta' Settembru tal-1950, f'Rabwah, il-Pakistan. Wara li temm il-Masters Degree fl-Ekonomija Agrikola fl-1977 mill-Università Agrikola ta' Faisalabad, il-Pakistan, huwa ddedika formalment ħajtu għas-servizz tal-Iżlam.

Wara li ġie elett għal ħajtu kollha fil-pożizzjoni ta' Kalif tal-Komunità Aħmadija Musulmana fit-22 ta' April 2003, huwa jservi bħala l-kap dinji spiritwali u amministrattiv ta' organizzazzjoni internazzjonali reliġjuża li tħaddan fiha għexieren ta' miljuni ta' membri mxerrda f'200 pajjiż.

Ħajtu hija riflessjoni ta' dedikazzjoni, sodizza, talb u suċċess. Ir-rabta tiegħu m'Alla twasslu biex iħeġġeġ lill-Komunità tiegħu biex qatt ma tinsa lil Alla li Jista' Kollox u biex ma taqta' qalbha qatt. Il-konċentrazzjoni tiegħu fuq it-talb hija evidenti għal kulħadd u l-frott tas-suċċess ta' dan it-talb huwa xhieda tat-twemmin tiegħu. L-imħabba tiegħu lejn il-bniedem tħeġġeġ lilu u lill-Komunità tiegħu biex iservu 'l-umanità.

Mindu laħaq Kalif, Ħażrat Mirża Masroor Aħmad[aba] żar ħafna pajjiżi u għamel għadd ta' diskorsi mħeġġin lil udjenzi minn kulturi u ambjenti differenti, biex jippromwovi u jiffaċilita s-servizz lill-umanità. Taħt it-tmexxija tal-Qdusija Tiegħu, il-Komunità Aħmadija Musulmana bniet għadd ta' skejjel u sptarijiet li jipprovdu faċilitajiet tal-aqwa kwalità f'żoni remoti tad-dinja.

Il-Qdusija Tiegħu, Mirża Masroor Aħmad[aba], bħalissa jinsab residenti f'Londra, l-Ingilterra.

# Nota tal-Pubblikatur

Dawn l-abbrevjazzjonijiet ġew użati. Il-qarrejja huma mħeġġa li jlissnu t-tislimiet sħaħ meta jaqraw il-ktieb:

**sa** *sallallahu 'alaihi wa sallam*, li tfisser 'Jalla s-sliem u l-barkiet ta' Alla jkunu fuqu', tinkiteb wara l-isem tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa].

**as** *alaihis-salam*, li tfisser 'jalla l-paċi tkun fuqu', hija miktuba wara l-isem tal-Profeti barra dak tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa].

**ra** *radiyallahu 'anhu/'anha/'anhum*, li tfisser 'Jalla Alla jkun kuntent bih/biha/bihom', tinkiteb wara l-ismijiet tad-Dixxipli tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa] jew tal-Messija Mwiegħed[as].

**aba** *ayyadahullahu Ta'ala binasrihil-'Aziz*, li tfisser 'Jalla Alla l-Omnipotenti jagħtih l-għajnuna sħiħa tiegħu', tinkiteb wara l-isem tal-Mexxej attwali tal-Komunità Musulmana Aħmadija, Ħażrat Mirża Masroor Aħmad, Kalifatul Masiħ V[aba].

Stampa meħuda: www.wallpapertube.com

*“Kull fejn u kull meta nqalgħet l-okkażjoni, il-Komunità Aħmadija dejjem esprimiet u ddikjarat il-fehma tagħha li hemm mod wieħed biss li jista’ jsalva lid-dinja mill-qerda u l-ħerba li riesqa lejhom, u dan huwa li lkoll kemm aħna rridu nistinkaw biex inxerrdu l-imħabba, l-affezzjoni, u s-sens ta’ komunità”.*

# IMĦABBA GĦAL KULĦADD MIBEGĦDA GĦAL ĦADD

This is the Maltese translation of the Keynote Address at the 9th Annual Peace Symposium 2012, UK, by Hazrat Mirza Masroor Ahmad, Khalifatul-Masih V[aba], Head of the worldwide Ahmadiyya Muslim Community. It deals with **the devastating consequences of a nuclear war and the critical need for absolute justice**.

AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA